MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 252/2005

**Carmel Attard (294046M)**

**-vs-**

**Mark Bugeja**

**Il-Qorti:**

**Rat** ic-citazzjoni prezentata fl-14 ta’ Marzu 2005 li tghid hekk testwalment–

“ Billi l-esponenti kien qed isuq il-mutur FAD 813 go Triq Manwel Dimech, Qormi, fl-1 ta’ Awissu 2003 u sehh incident stradali meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura KAQ 737 invada l-karreggjata tal-esponenti ;

Billi l-incident sehh unikament minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservazzjoni tar-regolamenti da parti tal-konvenut ;

Billi rizultat ta’ dana l-incident l-esponenti safa’ mwegga’ gravement u ser jibqa’ permanentement disabilitat *oltre* li tilef l-impieg u sofra danni ulterjuri ;

Billi l-konvenut bl-ebda mod ma ghamel tajjeb ghad-danni minnu kkagunati kif imfisser ;

Billi l-esponent b’ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident.

Ighid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex –

1. Tiddikjarah responsabbli ghall-incident u ghad-danni li b’rizultat ta’ l-istess sofra l-esponenti ;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi ;

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti dawk l-ammonti kif likwidati u dikjarati bhala dovuti *in linea* ta’ danni kif imfisser ;

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-lum stess mahruga kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax skont il-ligi kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. ”

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur li kienet annessa mac-citazzjoni, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati minnu u d-dokumenti li esebixxa mal-istess citazzjoni.

**Rat** in-nota tal-eccezzjonijiet presentata fl-<u>20 ta’ April 2005</u> li tghid hekk <u>testwalment</u> –

“ 1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur u dana *stante* illi l-incident in dezamina ma sehhx b’xi tort tal-konvenut, izda unikament tort ta’ l-attur Carmel Attard u minhabba traskuragni, imperizja, dizattenzjoni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu

hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-attur ghandu jipprova d-danni kollha pretizi minnu permezz ta’ dokumenti u xhieda adekwati, u/jew bl-opra ta’ periti nominati taht l-awtorita’ ta’ dina l-Onorabbli Qorti, u dana billi hemm dubji serji dwar il-genwinita’ tad-dizabilita’ reklamata mill-attur ;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz. ”

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut li kienet annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati minnu.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta’ Mejju 2005 fejn kien mahtur Mr. Charles Grixti MD FRCS bhala espert mediku

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta’ Lulju 2005 fejn kien mahtur Mr. Ray Gatt MD FRCS bhala espert mediku in sostituzzjoni ta’ Mr. Charles Grixti MD FRCS li rrizulta li kien diga’ esamina lill-attur privatament.

**Rat** ir-relazzjoni ta’ l-espert mediku li ppresenta fis-7 ta’ Marzu 2006 (fol 67 sa fol 69) u kkonfermaha bil-gurament fl-udjenza tas-7 ta’ Lulju 2006.

**Rat** id-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tal-20 ta’ Novembru 2006 (fol 73) fejn kien mahtur Natalino Agius bhala espert tekniku sabiex jaghmel stima tal-hsara fil-mutur tal-attur.

**Rat** ir-relazzjoni ta’ l-espert mediku Mr. Ray Gatt MD FRCS li kienet mahlufa fis-7 ta’ Lulju 2006 (fol 67).

**Qieset** il-provi tal-partijiet.

**Rat** l-atti l-ohra tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 2009.

**Rat** in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2009, fejn wara li semghet lill-espert tekniku Natalino Agius jixhed f'dik l-udjenza in segwitu ghad-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 2009, halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

**A. <u>Responsabilita' Ghall-Incident</u>**

**I. <u>Provi</u>**

1. L-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza gara fl-1 ta' Awissu 2003 ghal habta tal-10.45 a.m. fi Triq Manwel Dimech, Qormi, faccata ta' fejn qabel kien hemm il-fabbrika tal-Castellana. L-attur kien qed isuq *motorcycle* Suzuki 250 Nru. FAD 813 fid-direzzjoni tal-Belt waqt li l-konvenut kien qed isuq karozza Hyundai Pony Nru. KAQ 737 fl-istess direzzjoni.

2. Skont l-okkorrenza (fol 8 sa fol 10 u fol 49 sa fol 52 – DOK RAR) redatta minn P.S. 160 Mario Mifsud, il-versjonijiet taz-zewg xufiera dwar id-dinamika tal-incident kienu dawn –

<u>*Car No. FAD 813*</u> – (l-attur)

*Kont ghaddej u kif wasalt mieghu xeghel l-indicator u dar f'daqqa*

<u>*Car No. KAQ 737*</u> – (il-konvenut)

*Jiena kont sejjer lejn il-Belt, u quddiemi kien hemm Pajero li waqaf f'daqqa, jiena gbidt il-barra bl-indicator tixghel gie l-mutur minn wara u dahal fiha.*

3. Skont l-istess dokument, is-surgent ma ndika l-ebda hsara fir-rigward tal-*motorcycle* filwaqt li l-karozza kellha hsara fil-*front right mudguard, bumper, lights* u *bonnet.*

4. Meta <u>P.S. 160 Mario Mifsud</u> xehed dwar l-istharrig tal-incident (fol 54 u fol 55), huwa kkonferma l-esattezza tal-i*sketch* (fol 17). Huwa sab il-karozza maqbuza daqsxejn 'il barra u l-*motorcycle* mahbut maghha fuq quddiem in-naha tal-lemin. Fuq l-i*sketch* indika l-i*spot of impact* karatterizzat mid-debris tal-habta. Huwa ma sabx il-*motorcycle* hdejn l-i*spot of impact* izda sabu boghod hafna minn hemm. Is-surgent qal hekk testwalment – *Ikolli nghid li wara l-habta … Attard kien ha l-mutur in-naha l-ohra tat-triq fejn kont sibtu.* Huwa sab il-mutur fuq l-i*stand* bl-attur hdejh. L-attur ittiehed l-isptar fejn irrizulta li kellu ksur f'saqajh.

5. Fl-esami (fol 60) <u>l-attur</u> xehed li hu kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq u f'daqqa u l-hin sab ruhu mtajjar minn karozza li giet minn warajh, li qabbzitu s-*central strip* u kaxkritu lejn in-naha l-ohra tat-triq. L-ewwel darba li ra l-karozza kien mill-mera tax-xellug ftit qabel laqtitu.

6. Fil-<u>kontroesami</u> (fol 133 et seq) <u>l-attur</u> xehed li waqt li kien isuq, harstu quddiem, f'daqqa u l-hin, ha daqqa minn wara. Peress li mohhu kien quddiem, ma setax ighid jekk id-daqqa hadhiex fuq ir-rota inkella fuq il-*frame* tal-mutur.

7. Skont <u>l-attur</u>, fil-vettura tal-konvenut kien hemm tliet persuni mhux wiehed wahdu. Bil-ksur li kellu ma jistax ikun li huwa mexxa l-mutur ghan-naha l-ohra tat-triq. Bid-daqqa l-mutur spicca taht il-bankina. Il-vettura tal-konvenut kienet ghaddejja fil-lane tax-xellug u hu kien ghaddej ma' genbha bil-vettura tal-konvenut aktar 'il quddiem minnu. Skont l-attur, *mutur ma jiehux spazju kbir* (fol 140). Aktar lura fl-istess xhieda, l-attur qal li kien miexi wara l-vettura tal-konvenut bhal traffiku normali.

8. <u>Il-konvenut</u> xehed bl-affidavit (fol 87 sa fol 89). Huwa qal li mieghu bhala passiggier kien hemm Peter

Bugeja. Fisser li Triq Manwel Dimech Qormi tiehu linja ta' traffiku f'kull direzzjoni u f'nofs il-wisgha tat-triq hemm linji hoxnin mizbughin mal-art li jifirdu z-zewg direzzjonijiet tat-traffiku. Dwar id-dinamika tal-incident xehed testwalment hekk –

*Bhala traffiku dakinhar, jien kont qed insuq wara Pajero li kien xi mitt (100) metru quddiemi. F'hin minnhom indunajt illi dan il-Pajero waqaf f'nofs it-triq. X'hin rajt hekk, jien komplejt miexi bil-mod warajh, u jien u noqrob lejh harist quddiemi biex jara kienx gej traffiku minn faccata u cioe' mid-direzzjoni opposta. Jien ukoll ittawwalt fil-mirja tieghi biex nara kienx hemm traffiku gej minn warajja li forsi seta' jaqbizni. Fil-fatt rajt illi kien hemm biss traffiku warajja illi kien ghadu fil-boghod. Bhala muturi ma rajt imkien. X'hin rajt illi stajt naghmel il-manuvra ta' sorpass minghajr xkiel, jien xeghelt l-indicator tal-lemin u bdejt nissorpassa l-Pajero. Ezatt malli kwazi qbiztu, minn warajja hassejt daqqa fuq il-vettura tieghi. Id-daqqa hassejtha fuq in-naha ta' quddiem fuq il-lemin, u fil-fatt kien dahal mutur fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin tal-vettura tieghi. Jien l-ewwel darba li rajt dan il-mutur kien a split-second qabel il-habta.*

9. Skont il-konvenut, il-mutur kien qieghed fin-naha l-ohra tat-triq 'l hinn mil-linji ta' nofs it-triq u l-habta grat fuq dawk il-linji. Sabiex jaqbez il-Pajero, kellu bilfors jirfes fuq il-linji izda ma marx fuq il-parti l-ohra tat-triq bhalma ghamel il-mutur. Dan tal-ahhar laqtu bi sbrixx u spicca waqa' izjed 'il quddiem fuq in-naha l-ohra tat-triq. L-attur qajjem il-mutur mill-post fejn spicca u bl-ghajnuna tal-passiggier li kien mal-konvenut ghen imexxi l-mutur sa hdejn il-bankina tan-naha l-ohra tat-triq.

10. Il-konvenut esebixxa bhala DOK MB2 l-i*sketch* tal-incident kif imhejji mill-pulizija pero' zied mieghu l-marka P biex juri fejn kienet il-Pajero fil-mument tal-habta kif ukoll b'salib zghir l-i*spot of impact*.

11. Fil-kontroesami (fol 125 et seq) il-konvenut ikkonferma li hu ra l-mutur l-ewwel darba mal-habta. Meta ddecieda li jaghmel is-sorpass tal-Pajero ma rax il-mutur.

L-intenzjoni tieghu kienet li jibqa’ sejjer dritt fid-direzzjoni tar-*roundabout* ta’ hdejn il-fabbrika tal-Lowenbrau, mhux li jhalli t-triq principali biex jidhol fi triq tal-genb.

12. Mistoqsi specifikament minn din il-Qorti (fol 129) ghaliex fl-i*sketch* il-vettura tieghu kienet tidher milwija, il-konvenut wiegeb testwalment : *Milwi ghax qieghed naqbez il-Pajero.* Aktar ‘il quddiem fil-kontroesami, il-konvenut fisser li meta sehh l-incident mal-mutur, kien diga’ qed jaqbez il-Pajero.

13. Il-hsara tal-vettura tal-konvenut kienet bejn il-bieba u l-*mudguard* tal-lemin.

14. Mistoqsi specifikament minn din il-Qorti (fol 131) jekk setax ighaddi fuq minn is-*centrestrip* impingija bil-marki fil-wicc tat-triq, il-konvenut wiegeb testwalment hekk : *Ma kontx naf li ma tistax tirfisha … kelli nirfisha f’dak il-kaz peress li waqaf* (b’riferenza ghall-Pajero).

15. Mistoqsi specifikament minn din il-Qorti (fol 131) jekk meta gie ghas-sorpass tal-Pajero qattx hares fuq spallejh lejn il-lemin, il-konvenut wiegeb : *Le, harist minn gol-mera.*

## II. Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt

16. *In linea* generali, fis-sentenza taghha tat-23 ta’ Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **“Debono vs Camilleri et”** (Vol.XLVI.I.112) il-Qorti tal-Appell irriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huwa fl-obbligu li josserva kull hin –

i) li jirregola s-sewqan tieghu skont il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta’ bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u rapporti ohra kontingenti ;

ii) li jzomm *a reasonable and careful lookout* liema dmir igib mieghu li *driver* ghandu jara dak li huwa ragonevolment vizibblli. Riferibbilment ghal dan it-tieni obbligu, fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi

fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Laferla"** u **"Il-Pulizija vs Vella"** inghad li *– the duty to look implies the duty to see what is in plain view.*

17. Irrizulta minn kliem il-konvenut stess li sabiex jibqa' sejjer fid-dritt ghal trieqtu huwa kien kostrett jaghmel sorpass lejn il-lemin ta' vettura li ghal xi raguni waqfet quddiemu f'nofs it-triq.

18. Fil-Malta Highway Code – insibu din ir-rakkomandazzjoni -

*Never overtake unless you are sure that you can do so without danger to yourself or others* – Para 71

19. Fil-gurisprudenza taghna, insibu li s-sorpass huwa trattat kif gej -

i) Is-sorpass huwa perikoluz. *Driver* prudenti jista' jipprevedi dejjem li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tbiddel ir-rotta ; ghalhekk is-sewwieq ghandu jevita li jaghmel sorpass (**"Pulizija vs Mallia" – Vol XLIII.1001** u **"Pulizija vs Ripard" – XXXVI.749**)

ii) Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Zammit noe vs Farrugia" – PA/RCP – 28 ta' Gunju 2001** inghad li meta wiehed jaghmel sorpass ghandu jiehu r-responsabilita' tal-manuvra tieghu li jfisser li persuna ragonevoli ghandha tiddesisti milli taghmel l-istess manuvra meta din tkun tista' jew ser tikkawza periklu lill-istess sewwieq u lil utenti ohra tat-triq … f'certa cirkostanzi huwa mprudenti li tigi ttentata l-istess manuvra.

iii) Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **"Atlas Insurance Agency Limited vs Brian Cilia" – PA/RCP - 16 ta' Jannar 2001** – inghad li fil-kaz ta' dubju, wiehed ghandu jiddesisti milli jaghmel sorpass *stante* li l-prudenza hija l-bazi tas-sewqan regolat u responsabbli.

## III. Risultanzi dwar Responsabilita'

20. Minkejja li rrizulta li kien hemm haddiehor ukoll li ra l-incident isehh, fil-kawza tal-lum xehdu biss il-partijiet bhala xhieda okulari. Naturalment, kif bosta drabi jigri, l-istqarrijiet taghhom kienu konfliggenti. Fl-istess waqt pero’ din il-Qorti, fuq bilanc ta’ probabilitajiet, tista’ tasal biex issib tarf tad-dinamika tal-incident kemm minn dak li xehdu l-partijiet kif ukoll minn provi ohra oggettivi.

21. Ghalkemm Triq Manwel Dimech, Hal-Qormi, hija triq wiesgha, hija diviza fiz-zewg direzzjonijiet ta’ traffiku minn *centrestrip* formata minn sinjali mpingija fil-wicc tat-triq. L-ispazju ta’ kull karreggjata li jifdal sal-bankini tal-gnub huwa bizzejjed biex tghaddi vettura wahda fil-kumdita’. Biex ighaddu zewg vetturi minn kull karreggjata, il-vettura fuq barra trid bilfors tghaddi minn fuq il-linji tas-*centrestrip* ghax wara kollox hadd ma jsuq ihokk mal-bankina tax-xellug. Mela sorpass ma jistax isir f’dik it-triq ghaliex huwa fatt rasenti c-certezza li vettura jkollhom tidhol fil-linji tas-*centrestrip.*

23. Propju ghax hija triq b’karreggjata wahda f’kull direzzjoni li tippermetti sewqan fil-kumdita’, ix-xufier ta’ karozza generalment isuq lejn in-nofs tal-karreggjata *anke* sabiex jisfrutta favur tieghu il-wicc ahjar tat-triq ladarba *anke* f’dik it-triq (kif bosta drabi hu l-kaz) il-wicc tat-triq qrib il-bankini jkun accidentat jew ikun maghmul hazin u allura jfixkel lix-xufier. Fil-kaz ta’ xufiera ta’ muturi, il-probabilita’ hi (u din hija haga li tosservaha *ictu oculi* kif tghaddi mit-triq in kwistjoni) li dawn isuqu man-naha ta’ barra tal-karreggjata u narament qrib il-bankina tax-xellug jew fin-nofs tal-karreggjata. Ir-raguni principali ghax dan isir huwa li fiz-zewg truf taghha Triq Manwel Dimech taghti ghal zewg *roundabouts* u huwa fatt notorju li propju minhabba dawk iz-zewg *roundabouts* it-traffiku jehel jew jirrallenta. Peress li d-daqs u l-wisgha tal-mutur tippermetti aktar manovrabilita’, it-tendenza tax-xufiera tal-muturi hi li kif il-fluss tat-traffiku f’direzzjoni jew f’ohra jibda jehel huma jghaddu min-naha tal-lemin minn ma’ genb dak il-fluss biex jibqghu sejrin.

24. Dwar il-kaz tal-lum, din il-Qorti trid tghid li l-attur ma kienx wisq car dwar kif sehh l-incident. Kwazi kwazi tasal

biex tghid li minn kliemu l-attur bhal donnu nhasad sew meta sab ruhu fl-incident u ma setax ifisser fic-car il-mumenti precedenti l-habta.  Din il-Qorti trid tqis li fl-incident l-attur korra u garrab debilita' permanenti (kif iccertifika l-espert mediku ta' din il-Qorti).  Madankollu din il-Qorti trid tghid ukoll li l-incertezza dwar id-dinamika tal-incident li kien hemm fil-versjoni tal-attur kienet radrizzata bil-mod car ta' kif il-konvenut fisser l-incident, u li ironikament wassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li kien jahti ghall-incident.

25. Skont il-konvenut, huwa kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Belt u vettura Pajero li kienet madwar mitt metru quddiemu waqfet f'nofs it-triq.  Minn kliem il-konvenut, il-Qorti tifhem li l-konvenut kien ghaddej *bhall*-Pajero fin-nofs tal-karreggjata.  Minhabba l-ostakolu kreat mill-Pajero, il-konvenut ddecieda li jaghmel sorpass mil-lemin.  Huwa evidenti anke mill-i*sketch* tal-pulizija li biex jaghmel dak is-sorpass, il-konvenut kellu bilfors jidhol fil-linji tas-*centrestrip* ta' nofs it-triq u anke jidhol fil-karreggjata opposta.  Tant kien koxjenti ta' dan li l-ewwel ma hares kien lejn traffiku gej mid-direzzjoni opposta.  Li kieku seta' jaqbez il-Pajero bla ma jmur ftit jew hafna lejn in-naha l-ohra tat-triq ma kienx ikollu ghalfejn jithasseb dwar traffiku gej mill-faccata.  Fejn mhux kredibbli l-konvenut huwa dwar jekk harisx ghal traffiku gej minn warajh.  Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm ighid li ttawwal mill-mirja ghal dak it-traffiku izda ra li kien ghadu 'l boghod huwa spicca habat mal-mutur tal-attur li rrizulta fic-cert li kien lura minnu bla ma rah fl-ebda hin qabel l-incident.  Il-konvenut infatti accetta li ra lill-attur l-ewwel darba mal-habta.  Il-punt krucjali huwa propju hawn.  Sabiex jinnewtralizza n-nuqqas ta' *proper lookout* tieghu, il-konvenut jallega li l-attur kien qed isuq fin-naha hazina tat-triq qabel il-habta ; kien ghalhekk li ma rahx.  Din il-Qorti ma taqbilx.  Li probabilment gara kien propju dak li din il-Qorti fissret aktar qabel.  Il-karozza tal-konvenut kienet ghaddejja fin-nofs tal-karreggjata u l-mutur tal-attur lura minnha pero' aktar 'il barra lejn nofs it-triq.  X'hin il-konvenut gie biex jaqla' l-Pajero u hares fil-mera presumibbilment tan-nofs biss, ma rax il-mutur ghax kien fuq il-lemin tieghu.

26. Minn kliem il-konvenut jirrizulta li f'ebda hin ma waqaf ghal kollox qabel ghamel is-sorpass li ghal din il-Qorti jfisser li kemm ta dik id-daqqa t'ghajn hafifa madwaru u hareg ghal fuq il-lemin. Milwi kif kien lejn il-lemin il-konvenut certament ma kienx se jara l-mutur mill-mera tal-lemin. Seta' jilmah il-mutur li kieku hares fuq spallejh haga li ma ghamilx. Kien propju ghalhekk li l-konvenut sab il-mutur mieghu meta kien tard wisq ghalih biex jarah.

27. Bhala difiza, il-konvenut insista li kien xeghel l-*indicator* qabel ghamel is-sorpass. Anke jekk din il-Qorti taccetta li hekk sar, dak il-fatt wahdu ma jfissirx li l-konvenut wettaq il-manuvra sewwa. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Gunju 1968 fil-kawza **"Il-Pulizija vs Schembri"**, inghad li – min johrog l-*indicator* ikun qed jaghti kif hu obbligat avviz lit-traffiku ta' warajh u ta' quddiemu imma ma jistax semplicement ghax hareg bl-*indicator* jaghmel li jrid, jikser il-priorita' li jaghtu r-regolamenti u jaqleb ir-*rule of the road* favur tieghu. Ghalhekk il-fatt li xufier jixghel l-*indicator* ma jaghtix *carte blanche* u cioe' d-dritt li jghaddas rasu u ta' warajh jahseb ghal rasu. Fil-ktieb tieghu Trial of Motor Car Accident Cases l-awtur Gibb jistqarr li "*the driver's duty is not confined to making signals. He must see, as far as he can, that they have been understood.*" Fil-kaz tal-lum, dan ma sehhx tant li l-incident mal-mutur sehh kif beda jilwi lejn il-lemin. Ghalhekk is-sinjali jridu jsiru fil-waqt u fil-lok opportun biex jista' jkollhom l-effett mixtieq ghax is-sinjali ma jassolvux lix-xufier mid-dover tieghu li joqghod attent ghal *road users* ohra **(Appell Kriminali – Pulizija vs Bartolo – Vol.XXXVIII.868 ; Pulizija vs Sapiano – Vol.XXIX.558 ; u Pulizija vs Busuttil – 29 ta' Novembru 1958)**

28. Bhala difiza, il-konvenut ghamel enfasi wkoll li l-habta grat fejn hu indika b'salib fuq l-iskizz DOK MB2 a fol 91 tal-process. Ghalhekk din il-Qorti tifhem li l-konvenut mhux jaqbel li l-i*spot of impact* kien aktar 'il quddiem kif jidher fl-iskizz tas-surgent DOK MB1 a fol 90 tal-process. Jekk hu hekk, allura dak ikompli jsostni li l-attur ma kienx fin-naha hazina tat-triq qabel il-konvenut iddecieda li

jaghmel is-sorpass. Wiehed ghandu jifhem li din kienet kollizjoni bejn zewg vetturi *in motion* wahda mdaqqsa aktar mill-ohra ghax tal-attur kien mutur. Huwa evidenti li kif appena l-konvenut immanuvra l-vettura tieghu lejn il-lemin biex jaqbez il-Pajero wieqaf l-attur resaq 'il barra istintivament u sehh l-impatt tal-mutur mal-mudguard ta' quddiem tal-lemin tal-karozza tal-konvenut. Dik hija l-ispjegazzjoni l-aktar plawsibbli ghal din il-habta.

29. Bhala difiza, il-konvenut insista li l-attur li caqlaq il-mutur lejn in-naha l-ohra tat-triq mill-post fejn waqaf wara l-habta u cioe' hdejn il-*mudguard* ta' quddiem tal-lemin tal-karozza tal-konvenut. Anke jekk sar hekk, id-dinamika tal-incident ma tigix effettwata favur parti kontra l-ohra jew vice-versa. Huwa daqstant evidenti mid-dinamika kollha tal-incident li *speed* ma kienx il-fattur li wassal ghall-incident.

30. Ukoll bhala difiza, il-konvenut ghamel sforz biex idghajjef il-kredibilita' tal-attur billi rrefera ghal zewg fatti jew possibilitajiet li fl-assjem tad-dinamika tal-incident din il-Qorti tqis bhala rrilevanti u cioe' kemm kien hemm persuni fil-vettura tal-konvenut u jekk meta mar l-isptar kienx fuq *stretcher* inkella bil-qeghda fil-kabina hdejn ix-xufier tal-ambulanza.

31. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta' Jannar 1967 fil-kawza **"<u>Bongailas vs Mercieca</u>"** – *Il-kwistjoni tar-responsabilita' f'incidenti stradali wisq rarament tista' tigi risolta semplicement bl-applikazzjoni ta' regoli a priori. Ir-regoli generali jistghu jghinu bhala gwida izda kull kaz jiddipartixxi minn iehor u jrid jigi risolut in basi ghall-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari tieghu.* Fil-kaz in esami, ghal din il-Qorti, dak li certament ipprovoka l-incident kien in-nuqqas ta' *proper lookout* tal-konvenut meta gie biex jaghmel sorpass. Il-konvenut ghandu jerfa' wahdu l-htija kollha ghall-incident, ghaliex din il-Qorti ma ssib l-ebda htija kontributorja da parti tal-attur, anke jekk biex teskludi xi htija kontributorja da parti tal-attur, din il-Qorti kienet konfortata mill-versjoni tal-konvenut u mill-provi oggettivi kostitwiti mit-topografija tal-lokalita', mill-iskizzi esebiti u min-natura tal-hsara, aktar milli xi versjoni

kristallina tal-attur li pero' anke *prima facie* mhix indikattiva ta' htija anke kontributorja da parti tieghu.

**IV. <u>Ir-Risarciment tad-Danni</u>**

32. **<u>L-Art.1045(1) tal-Kap.16</u>** jipprospetta zewg tipi ta' danni li huma risarcibbli –

a) Dawk maghrufa bhala <u>*damnum emergens*</u> li skont l-istess subinciz huma t-*telf effettiv li l-eghmil* (tad-danneggjant) *ikun gieb direttament lill-parti li tkun batiet il-hsara* (id-danneggjat), *l-ispejjes li* d-danneggjat *seta' kellu jaghmel minhabba l-hsara* u *t-telf ta' paga jew qligh iehor attwali.* Ghalhekk il-karattru ewlieni tad-*damnum emergens* huwa li d-danni jridu jkunu **<u>effettivi u attwali</u>**.

b) It-tip l-iehor ta' danni kontemplat mill-istess subinciz huwa <u>*lucrum cessans*</u> u cioe' *it-telf ta' qligh li* (d-danneggjat) *ibati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.*

**A. <u>*Damnum Emergens*</u>**

33. L-attur inkorra spiza ta' **<u>Lm 3</u>** biex jottjeni r-rilaxx tal-iskizz u l-okkorrenza tal-incident (fol 6).

34. L-attur kien taht il-kura tal-Kirurgu Ortopediku Carmel Sciberras li rrilaxxja certifikat mediku (DOK A – fol 11). Minn DOK B – fol 21, jirrizulta li l-attur hallas lil dak l-ispecjalista s-somma ta' **<u>Lm</u> <u>55</u>** ghar-rilaxx tar-rapport.

35. Minn DOK MD – fol 53, jirrizulta li b'sehh mill-1 ta' Awissu 2003 (li kienet id-data tal-incident) sat-3 ta' Marzu 2005 (li kienet id-data tat-tmiem tal-impieg tieghu minn mal-Korporazzjoni Enemalta fejn kien jahdem bhala *Security Guard*), l-attur garrab telf ta' **<u>Lm 7,437.97c</u>** kif dettaljat fl-istess dokument.

36. F'din il-kawza, l-attur irreklama kumpens ghall-hsara li garrab il-mutur tieghu fl-incident. Ghalkemm is-surgent li nvestiga l-habta ma ndikax li l-mutur kellu hsara, l-espert tekniku mahtur minn din il-Qorti diversament presjeduta

Natalino Agius fir-relazzjoni tieghu DOK NI – fol 79 et seq stabilixxa li *the bike has suffered damages both at the time of the accident and because it has been standing out of use for a number of years.* Wara li ndika d-dettalji tal-hsara u anke esebixxa erba' ritratti, huwa stima l-*pre-accident value* tal-mutur fl-ammont ta' Lm 450 – Lm 500, filwaqt li r-*wreck value* fl-ammont ta' Lm 50. Peress li fid-data tal-incident, jirrizulta li l-mutur kien f'kondizzjoni tajba. Billi jirrizulta ukoll li l-mutur baqa' ma ssewwiex. Billi jirrizulta *inoltre* li bil-griehi li kellu l-attur ma kienx se jkun facli ghalih isuq il-mutur anke li kieku ssewwa. Din il-Qorti tghid li l-attur ghandu jigi risarcit bl-ammont ta' **Lm 400**.

37. Id-*damnum emergens* pretiz mill-attur ma jirrizultax li kien kontestat mill-konvenut. Fic-cirkostanzi, specjalment fuq l-iskorta tal-provi medici, abbazi tal-accertamenti tal-espert tekniku, kif ukoll abbazi tal-provi li rrizultaw mill-Korporazzjoni Enemalta, din il-Qorti jidhrilha li l-attur ghandu jigi ndennizzat f'*damnum emergens* bl-ammont komplessiv ta' **€18,392.66** (ekwivalenti ghal Lm 7895.97).

**B. *Lucrum Cessans***

38. Fid-data ta' l-incident, l-attur kellu 57 sena. Il-karta tal-identita' tieghu ggib in-numru 294046M.

39. Minn DOK C5 – fol 20, jirrizulta li l-attur instab li ma kienx tajjeb ghax-xoghol kagun tal-fatt li sahtu marret lura konsegwenza tal-incident u l-impieg tieghu mal-Korporazzjoni Enemalta intemm fit-3 ta' Marzu 2005. Dan il-fatt jirrizulta konfermat minn Joseph Mangion, rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta, li xehed fl-udjenza tal-1 ta' Frar 2006 (fol 58).

40. Skont ix-xhud George Cremona mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali (fol 114 et seq), l-attur beda jircievi pensjoni tal-invalidita' b'effett mill-5 ta' Marzu 2005 u dan sad-9 ta' Marzu 2007, ghaliex b'effett mill-ghada 10 ta' Marzu 2007, huwa lahaq l-eta' tal-irtirar mix-xoghol u beda jippercepixxi pensjoni taz-zewg terzi.

41. Fir-relazzjoni li halef fis-7 ta' Lulju 2006 (fol 67 et seq), l-espert mediku l-Kirurgu Ortopediku Ray Gatt ikkummenta hekk – *Fil-prezent, Carmel Attard qieghed jilmenta minn diversi problemi li rrizultaw minn ingurja li sofra mill-incident. L-ezami mediku wera li hemm xi ftit ghebusija tal-gog tal-koxxa tax-xellug meta kkomparat mal-lemin. Ghalkemm jimxi bi krozza wahda (jew tnejn xi kultant) ma hemmx sinjali ta' muskoli dghajfa tas-sieq tax-xellug, is-sieq li wegga'. Il-ksur li kellu – frattura tal-acetabulum – tista' tirrizulta f'digenerazzjoni tal-gog 'il quddiem pero' il-ksur li kellu ma kienx imcaqlaq u ma kienx imfarrak u ghalhekk il-prognozi mhiex daqstant hazina*. Skont l-espert mediku, l-attur kien qed ibati minn dizabilita' fisika permanenti ta' 9%.

42. L-Art. 1045 tal-Kap. 16 jikkwalifika l-*lucrum cessans* bhala dak *it-telf ta' qligh li* (d-danneggjat) *ibati 'l quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib.* Fis-subinciz (2) tal-istess artikolu jinghad hekk – *Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-Qorti wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz b'mod partikolari x-xorta u grad ta' inkapacita' ikkagunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara.*

43. Huwa evidenti li l-ligi thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti sabiex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u l-grad ta' l-inkapacita' u l-kondizzjoni tad-danneggjat tistabilixxi somma bhala risarciment. Innegabilment, fl-assenza ta' normi jew regoli li jigu stabbiliti b'intervent legislattiv, il-metodu ta' din il-valutazzjoni ta' dan id-dannu tibqa' tikkostitwixxi punt ta' kontroversja mill-aktar spinuzi, fatt li jirrizulta ndubbjament anke minn semplici raffront ta' diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna in materia whud anke konflittwali wahda ma' ohra.

44. *In linea* generali, sabiex jiddeterminaw il-*lucrum cessans*, il-Qrati taghna segwew il-formola li kienet stabbilita ghall-ewwel darba fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Dicembru 1967 fil-kawza fl-ismijiet **"Butler vs Heard"**. Ghalkemm matul is-snin, il-punti jew parametri tal-ekwazzjoni gew raffinati, miljorati

jew aggustati skont il-kaz sabiex jigu jirriflettu r-realta' tal-lum u l-aspettattiva ta' aktar ekwita' konformi mal-gustizzja effettiva, l-ekwazzjoni nnfisha baqghet l-istess matul is-snin u hekk ghadha sal-lum.

45. Issa propju ghaliex mhux kull kaz jixbah iehor, il-ligi taghti latitudini lill-gudikant sabiex jaghmel gustizzja skont il-ligi abbazi tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

46. Min-nota tieghu a fol 145 tal-process, jirrizulta li l-attur prattikament qed jirreklama mhux biss telf fid-dhul mill-impieg mid-data li fiha kien dikjarat mhux tajjeb ghax-xoghol minhabba sahha sad-data tal-irtirar statutorju izda anke *lucrum cessans* abbazi tal-formola ta' **"Butler vs Heard"**. Dan il-metodu ta' kalkolu tad-danni huwa kontestat mill-konvenut kif jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (fol 153 et seq).

47. Din il-Qorti tghid li valjati c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-attur ma jistax jirreklama dawn id-danni fit-termini mpostati minnu.

48. Dan huwa kaz fejn ma jistax jigi attwat il-principju tac-*chances and changes of life* li l-Qrati taghna applikaw sabiex jittemperaw il-firxa tal-*multiplier* fl-ekwazzjoni ta' **"Butler vs Heard"** propju ghar-raguni li l-attur lahaq l-eta' pensjonabbli. Dan gara pero' b'differenza ghaliex propju kien l-incident *de quo* (mhux xi kontingenza ohra mhux relatata mal-incident) li gieghel li fit-3 ta' Marzu 2005 jintemm l-impieg tal-attur mill-Korporazzjoni Enemalta fejn kien jahdem bhala *security guard* minhabba peggorament ta' sahtu bil-konsegwenza li b'effett mill-5 ta' Marzu 2005 ma baqax jiehu salarju mill-Korporazzjoni Enemalta, izda beda jiehu pensjoni ta' invalidita' mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali bir-rata ta' Lm 38.09c fil-gimgha sat-13 ta' Jannar 2006, bir-rata ta' Lm 39.76c fil-gimgha bejn l-14 ta' Jannar 2006 sal-5 ta' Jannar 2007, u bir-rata ta' Lm 40.93c fil-gimgha bejn is-6 ta' Jannar 2007 sas-9 ta' Marzu 2007, data li fiha beda jircievi l-pensjoni taz-zewg terzi ghax lahaq l-eta' ta' 61 sena.

49. Din il-Qorti tghid li fit-termini tal-Art. 1045 tal-Kap. 16, bhala *lucrum cessans*, l-attur, *minhabba* l-*inkapacita' ghal dejjem … parzjali* li *l-eghmil* tal-konvenut ikkaguna fil-konfront tieghu, huwa garrab *telf ta' qligh* li fil-kaz tal-attur kien se j*bati 'l quddiem*, din il-Qorti tghid, sal-eta' pensjonabbli. Ghalhekk din il-Qorti se takkorda lill-attur il-hlas tad-differenza bejn il-paga bazi li kien jircievi mill-principal tieghu bejn il-5 ta' Marzu 2005 u d-9 ta' Marzu 2007 u l-kumulu ta' l-pensjoni tal-invalidita' li attwalment thallas fl-istess zmien. Dan *anke* in vista tal-Art. 103 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta. *Inoltre* l-fatt li l-attur ha l-pensjoni tal-invalidita' ghax kien hallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali m'ghandux ikun argument kontra d-danneggjant u favur id-danneggjat sabiex l-attur jithallas il-paga nieqsa sal-eta' pensjonabbli minghand il-konvenut u jibqa' jzomm il-pensjoni tal-invalidita' minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali. Dak li qed taghmel din il-Qorti huwa esercizzju ta' ekwita' (**"Sammut vs Zammit"** – Qorti tal-Appell – 3 ta' Dicembru 2004). Ghalhekk ghall-fini tal-likwidazzjoni tad-danni, il-fatt li ghaz-zmien in kwistjoni l-attur thallas pensjoni ta' invalidita' (ghax kellu l-kontribuzzjonijiet tieghu *in order* – ghal din il-Qorti – mhux rilevanti) is-somma li rcieva minghand id-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali ghandha titnaqqas mill-paga bazi li l-attur se jithallas ghaz-zmien kollu ta' bejn meta beda jiehu dik il-pensjoni u z-zmien meta beda jiehu l-pensjoni tal-irtirar mix-xoghol minhabba l-eta'.

50. Mid-dokument esebit mix-xhud George Cremona a fol 106, jirrizulta li l-attur thallas total f'pensjoni tal-invalidita' fl-ammont ta' Lm 4,110.35c. Abbazi tad-dokument a fol 53, sat-3 ta' Marzu 2005, l-attur kellu salarju bazi in medja ta' Lm 109.27 fil-gimgha. Din il-Qorti se tadotta din il-figura biex tasal ghad-dhul bazi mill-impieg li l-attur ma rceviex ghaz-zmien ta' bejn id-data li fiha kien *medically boarded out* u d-data meta beda jircievi l-pensjoni taz-zewg terzi. Qed taghmel hekk sabiex tohloq bilanc bejn id-dritt ghal *restitutio in integrum* u dak tal-mitigazzjoni tad-danni. Jirrizulta li fiz-zmien in kwistjoni kien hemm 105-il gimgha (ara d-dokument a fol 106) ; bir-rata ta' Lm 109.27 x 105, is-salarju mhux percepit kien ta' Lm 11,473.35. Jekk minn dan l-ammont, jitnaqqas il-

kumulu ta' pensjoni ta' invalidita' li thallas, l-attur ghandu jircievi <u>**€17,151.18**</u> (ekwivalenti ghal Lm 7,363). Dan l-ammont m'ghandux jinkorri tnaqqis minhabba li l-firxa ta' zmien li qed ikopri tant hija relattivament qasira li kwalsiasi investiment tal-kapital mhux se jrendi bizzejjed biex jivvantaggja lill-attur aktar u aktar llum li r-rati ta' imghax annwu fis-suq bankarju <u>fil-medja</u> huma baxxi.

51. Ghax l-attur qed jinghata risarciment ghal *lucrum cessans* kif jinghad fil-paragrafu precedenti, ma jistax jirreklama *wkoll* risarciment abbazi tal-ekwazzjoni ta' <u>**"Butler vs Heard"**</u> ghax jekk isir hekk, ikun hemm jircievi aktar milli haqqu, fis-sens li llum li diga' skorra l-eta' pensjonabbli, l-attur qed jircievi pensjoni li xorta wahda kien jippercepixxi li kieku l-incident *de quo* ma sehhx, diga' qed jinghata kumpens finanzjarju ghall-effetti negattivi li l-inkapacita' permanenti risultanti mill-incident kkagunaw, u ma jirrizultax (lanqas mir-relazzjoni tal-espert tekniku) li kagun tal-inkapacita' permanenti li fadallu, l-attur se jkun jehtieg xi kura jew trattament specjali jew partikolari, inkella se jkun jehtieg jinkorri xi spejjes li se jincidu fin-negattiv fil-futur fuq il-partimonju tieghu. Ghalhekk bir-risarciment li qed jinghata kemm *f'damnum emergens* u f'l*ucrum cessans* kif fuq imfisser, l-attur se jkun indennizzat ekwament u skont il-haqq.

52. Gieli nghad li fil-generalita' tal-kazi, it-telf futur hu bazat wisq drabi fuq indizji u fuq cirkostanzi futuri li mhumiex certi. Mhux hekk kien il-kaz tal-lum ghaliex l-attur wasal sal-eta' tal-pensjoni taz-zewg terzi wara li kien kostrett jirtira b'mod bikri mill-impieg tieghu u ghax kien kostrett jaghmel hekk garrab telf ta' qligh. Din il-Qorti esercitat bi prudenza u b'cirkospezzjoni d-diskrezzjoni taghha sabiex min-naha wahda l-attur ma jgarrabx telf finanzjarju li l-inkapacita' li sofra kkagunatlu u min-naha l-ohra ma jircevix flus taht il-pretest ta' *lucrum cessans* meta llum huwa pensjonant bl-eta'.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif gej –**

**1) Fl-ewwel lok, tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku mertu ta' din il-kawza u ghad-danni kollha li bhala risultat tal-istess garrab l-attur.**

**2) Fit-tieni lok, tilqa' t-tieni talba tal-attur u tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont komplessiv ta' hamsa u tletin elf hames mija tlieta u erbghin Ewro erbgha u tmenin centezmu (€35,543.84).**

**3) Fit-tielet lok, tilqa' t-tielet talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hamsa u tletin elf hames mija tlieta u erbghin Ewro erbgha u tmenin centezmu (€35,543.84) *in linea* ta' danni, bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mil-lum.**

**4) Fir-raba' lok, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha tal-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------